



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Ġunju 2019
(OR. en, pl)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0210(COD)

10297/19
ADD 2 REV 1

PECHE 290
CADREFIN 281
CODEC 1232

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (FEMS) - Approċċ Ġenerali Parzjali

Id-delegazzjonijiet isibu hawn meħmuż id-Dikjarazzjonijiet ta' SE, EE, u PL, kif ukoll Dikjarazzjonijiet konġunti ta' LV u LT dwar l-Approċċ Ġenerali parzjali fir-rigward tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd ippreżentati fil-Kunsill AGRIFISH tat-18 ta' Ġunju 2019.

Dikjarazzjoni mill-Iżvezja

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (FEMS)

It-test tal-proposta jinkludi l-possibbiltà li jiġu ffinanzjati miżuri li jtejbju l-kapaċità u fl-istess ħin li l-ammont totali li l-Istati Membri jistgħu jallokaw għal miżuri relatati mal-kapaċità jiżdied b'aktar mid-doppju. Il-proposta ma fihix il-kundizzjonijiet adegwati biex tevita l-kapaċità żejda, li tista' twassal għas-sajd eċċessiv. Il-kompromess tal-Presidenza għalhekk imur fid-direzzjoni opposta meta mqabbel mal-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd u t-transizzjoni għal sajd sostenibbli kif ukoll l-impenji internazzjonali tal-UE fil-qafas tal-Aġenda 2030. L-Iżvezja għalhekk tivvota kontra t-test ta' kompromess tal-Presidenza.

Dikjarazzjoni mill-Estonja

Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

L-Estonja tqis il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) bħala għodda importanti biex jinkisbu l-oġġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd. B'mod ġenerali, l-Estonja tista' tappoġġa d-direzzjoni tal-kompromess tal-Presidenza dwar ir-regolament tal-FEMS għall-Approċċ Ġenerali Parzjali (PGA). Madankollu, insibu li l-istrumenti finanzjarji ma ġewx indirizzati sew fil-PGA.

L-Estonja hija bis-sħiħ tal-ħsieb li fir-rigward ta' strumenti finanzjarji, il-lista ta' attivitajiet eliġibbli għandha tkun inqas restrittiva. L-istrumenti finanzjarji għandhom jiġu ttrattati bħala għodda biex tiġi żgurata kompetizzjoni ugwali aktar milli mezz ta' appoġġ dirett. Dan huwa importanti ħafna għall-Estonja, fejn is-settur tas-sajd relattivament żgħir isibha dejjem aktar diffiċli li jiggarrantixxi kondizzjonijiet xierqa għal self minn istituzzjonijiet finanzjarji. Għalhekk, aħna nqisu li huwa neċessarju li għandha tiġi stabbilita deroga minn ċerti spejjeż mhux eliġibbli mniżżla fl-Artikolu 13 tal-FEMS għall-istrumenti finanzjarji. L-istrumenti finanzjarji huma differenti mill-appoġġ għall-għotjiet u fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali huwa komuni li filwaqt li l-istrumenti finanzjarji jeħtieġ li jikkontribwixxu biex jingħelbu l-ostakli eżistenti tas-suq, il-lista ta' attivitajiet eliġibbli hija inqas restrittiva fil-każ ta' strumenti finanzjarji milli fil-każ ta' appoġġ għall-għotjiet.

Soluzzjoni possibbli tkun li jiżdied il-paragrafu li ġej mar-regolament tal-FEMS:

"Artikolu 15 ġdid

Kundizzjonijiet għall-Istrumenti Finanzjarji

L-ispejjeż mhux eliġibbli mniżżla fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 13 ma għandhomx japplikaw għall-appoġġ mogħti fil-forma ta' Strumenti Finanzjarji meta pprovduti lir-riċevitur finali u mingħajr l-għotja grossa ekwivalenti għall-għajnuna.

L-ispejjeż mhux eliġibbli mniżżla fil-punti (f), (h), (j), (k), (l) tal-Artikolu 13 ma għandhomx japplikaw għall-appoġġ mogħti fil-forma ta' Strumenti Finanzjarji."

Bħala konklużjoni, aħna nqisu li huwa neċessarju li nindirizzaw din il-kwistjoni waqt li nkomplu d-diskussjonijiet fit-trilogi, peress li din hija kwistjoni importanti għall-Estonja għall-implimentazzjoni futura tal-Fond.

Dikjarazzjoni mil-Litwanja u l-Latvja

Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

Laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u Sajd) tat-18 ta' Ġunju 2019

Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd għandu jappoġġa b'mod adegwat il-flotta tas-sajd fil-perijodu ta' programmazzjoni li jmiss u aħna nqisu li d-dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' regolament mhumieħ biżżejjed f'dan ir-rigward. L-appoġġ previst għall-innovazzjonijiet u l-investimenti abbord ma jindirizzax ir-realtà tal-bastimenti tas-sajd tal-UE teknikament antikwati u huwa ekonomikament dubjuż.

Parti mill-flotta tas-sajd tal-Unjoni Ewropea hija teknikament antikwata, mgħammra b'magni li jikkunsmaw ħafna fjuwil u li jarmu s-CO₂. Il-kostruzzjoni tal-bastimenti nnifisha tagħmilha impossibbli li dawn jiġu modernizzati jew innovati, u sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet xierqa tax-xogħol u ta' mmaniġġjar tal-ħut abbord huma meħtieġa ħafna flus.

Fil-fehma tagħna, il-possibbiltà għat-tiġdid tal-flotta tas-sajd taħt il-fond futur jeħtieġ li tkun konsistenti mal-aħħar emenda tal-Linji Gwida għall-eżami tal-għajnuna mill-Istat lis-settur tas-sajd u l-akkwakultura, li tippermetti l-għajnuna għat-tiġdid tal-flotta tas-sajd fir-reġjuni l-aktar imbiegħda.

Aħna nissuġġerixxu li nestendu l-possibbiltà għat-tiġdid tal-flotta tas-sajd taħt il-fond futur billi nipprevedu l-possibbiltà li nappoġġaw is-sostituzzjoni ta' bastimenti qodma b'oħrajn aktar reċenti, mingħajr ma jinqabżu l-limiti massimi tal-kapaċità tas-sajd tal-Istati Membri.

Għalhekk, il-Litwanja u l-Latvja jipproponu li jiġi introdott Artikolu ġdid li jittratta t-tiġdid tal-flotta tas-sajd taħt il-fond futur, jiġifieri li jippermetti l-appoġġ għas-sostituzzjoni ta' bastimenti qodma b' oħrajn aktar reċenti.

Artikolu 15 ġdid
Sostituzzjoni ta' bastiment tas-sajd

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 13(b), l-appoġġ biex jinkiseb l-oġġettiv speċifiku fl-Artikolu 14(1)(a) għas-sostituzzjoni ta' bastiment tas-sajd b'wieħed aktar reċenti għandu jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) il-bastiment sostitwibbli jappartjeni għal taqsima mill-flotta li fir-rigward tagħha r-rapport l-aktar reċenti dwar il-kapaċità tas-sajd, imsemmi fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament(UE) Nru 1380/2013, ikun wera bilanċ mal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għal dik it-taqsim;

b) is-sostituzzjoni ma twassalx biex jinqabżu l-limiti massimi tal-kapaċità tas-sajd tal-Istat Membru, stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament Nru 1380/2013;

c) il-bastiment tas-sajd sostitwibbli jkollu aktar minn 25 sena fil-jum tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-appoġġ;

d) il-bastiment akkwistat ikun ġie rreġistrat fir-reġistru tal-flotta għal mill-inqas 3 snin kalendarji li jippreċedu s-sena tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-appoġġ;

e) il-bastimenti tas-sajd sostitwiti u dawk akkwistati ma jkunux itwal minn 40 metru fit-tul totali.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Polonja
dwar l-Approċċ Ġenerali Parzjali tal-Kunsill tal-UE (10297/19) fir-rigward tal-proposta għal
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet
Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u
tal-Kunsill (laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u Sajd) tat-
18 ta' Ġunju 2019)

Il-Polonja tixtieq tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-test ta' kompromess kif adottat mill-Kunsill ma jissodisfax bis-sħiħ il-ħtiġijiet tas-settur tas-sajd fir-reġjun tal-Baħar Baltiku, u titlob li jiġi introdott approċċ reġjonali. Fil-forma attwali tiegħu, l-Approċċ Ġenerali Parzjali mhux ser jagħmilha possibbli li b'mod sħiħ u effettiv jitneħħew il-konsegwenzi tal-istatus katastrofiku tal-ħażniet fil-Baħar Baltiku. Sa mill-2015, il-Polonja ripetutament indikat il-kondizzjoni li qed tiddeterjora tal-bakkaljaw tal-Lvant, u fittxet appoġġ kemm mill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll mill-Istati fir-reġjun għall-iżvilupp ta' strumenti ta' rimedju. Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd kif propost bħalissa ma jirriflettix ir-realtà tas-sitwazzjoni. Il-parir tal-ICES għall-2020 għall-baċir tal-Baħar Baltiku jirrakkomanda TAC zero għall-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Lvant u l-aringa tal-Punent.

Għal xi żmien issa, il-Polonja ilha tiegħu miżuri mmirati lejn il-protezzjoni tal-popolazzjoni tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku, jiġifieri li żżomm il-perijodi ta' għeluq għall-bakkaljaw riproduttiv, introduċiet projbizzjoni ta' sajd li jsir bit-tkarkir mal-qiegħ fiż-żona ta' sitt mili (mili nawtiċi), kif ukoll illimitat is-sajd għaċ-ċiċirella. Minħabba n-nuqqas ta' qbil fost l-Istati fir-reġjun dwar il-ħtieġa li tittieħed azzjoni ta' rimedju biex jittejbu l-istokkijiet tal-ħut fil-Baħar Baltiku, hemm riskju għoli li l-kondizzjoni ta' dawn l-istokkijiet tkompli tmur għall-agħar. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, il-Polonja opponiet l-adozzjoni tal-Approċċ Ġenerali Parzjali fir-rigward tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fil-formulazzjoni proposta. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Polonja talbet għall-adozzjoni ta' miżuri ta' rimedju fit-tul li effettivament jikkontribwixxu għall-irkupru tal-istokkijiet fil-Baħar Baltiku filwaqt li jitqiesu l-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi.